TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/2/17/S

Brooke u Glen Spagnol
Vs
Chris Vella ezercenti l-kummerc bhala Chris Vella Woodworks

Illum 26 t'Ottubru,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Brooke u Glen Spagnol pprezentata fl-4 ta'Jannar,2017 filwaqt li Chris Vella ezercenti l-kummerc bhala Chris Vella Woodworks, ghalkemm debitament notifikat, baqa' la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduti li saru;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lir-rikorrenti;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda xoghol ta'injam ordnat li parti minnha saret mill-intimat pero mhux skont is-sengha w l-arti skont ir-rikorrenti u l-kumplament lanqas biss sar mill-intimat;

Illi jinghad mal-ewwel li l-intimat naqas milli jwiegeb ghat-talba ta' Brooke u Gelen Spagnol u lanqas deher ghas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik tar-rikorrenti li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-intimat;

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-intimat ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjegaw kif waslu ghat-talba ta' €1780 waqt is-seduta tal-5 t'Ottubru,2017;

Illi min-naha l-ohra l-intimat ma deherx biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jaghti l-verzjoni tieghu;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal

Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Brooke u Glen Spagnol filwaqt li Jordna lil Chris Vella ezercenti l-kummerc bhala Chris Vella Woodworks ihallas lil Brooke u Glen Spagnol is-somma ta' €1780.00, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-intimat Chris Vella ezercenti l-kummerc bhala Chris Vella Woodworks.

Richard Sladden Av.
Arbitru